TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 134/17/F

**Darren u Annalise Cassar**

**vs**

**Patrick Galea – Sogno Bagno**

Illum 9 t'Ottubru, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef, erba' mija, u ħamsa u disgħin ewro (€3,495), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fil-madum, illi kien hemm toqob u għafiesi fil-madum.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw il-madum mingħand id-ditta ntimata u irriżulta li bdew ħerġin ħafna toqob irqaq u għafiesi, u minn żmien għal żmien dan beda jżid fin-numru.

L-intimat issottometta illi hu kien offra li jbiddel il-madum, billi jagħtihom kaxex żejda tal-madum biex ikunu jistgħu jirrimedjaw.

L-intimat issottometta wkoll illi t-talba hija preskritta peress illi għadda ż-żmien.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat offra li jagħtih il-madum biex jirrimedja din is-sitwazzjoni, b'hekk il-preskrizzjoni ma ġietx ippruvata.

**Għal dawn il-motivi:**

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u jordna il-prosegwiment tal-kawża.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888